# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D. – PRESIDENT

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru, 2018**

**Numru 3**

**Ċitazzjoni Numru 79/04SM**

Salvatore **FARRUĠIA**

vs

**TRAVELEX FINANCIAL SERVICES LIMITED** u Bank of Valletta p.l.c. u b'degriet tal-1 ta' April, 2004, ġie kjamat fil-kawża Mark Randon u skont nota datata 18 ta' Mejju, 2006, l-attur ċeda l-kawża fil-konfront tal-Bank of Valletta p.l.c. (fol. 69) u skont il-verbal datat 16 t'Ottubru, 2012 is-soċjeta' konvenuta biddlet isimha f'Western Union Business Solutions (Malta) Limited

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell prinċipali mressaq mill-attur Salvatore Farruġia u kif ukoll appell inċidentali mressaq mill-kumpannija mħarrka Western Union Business Solutions (Malta) Limited minn sentenza mogħtija

mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra qatgħet il-kwestjoni b'dan il-mod:

> "*għaldaqstant in vista tal-premess, filwaqt li tiddikjara li hi sodisfatta li l-attur ma ipprovax il-każ tiegħu skont il-liġi;*
>
> "*33.1. Tirrespinġi t-talbiet attriċi;*
>
> "*33.2. Takkolji l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjeta` konvenuta;*
>
> "*33.3. Bl-ispejjeż kontra l-attur Salvatore Farrugia;*
>
> "*33.4. Illi stante li l-istess imsemmi attur iddikjara fi stadju bikri tal-kawża li ma kellu l-ebda interess fil-konfront tal-kjamat in kawża, l-ispejjeż rigwardanti l-istess kjamat in kawża għandhom jiġu sopportati mis-soċjeta` konvenuta Western Union Business Solutions (Malta) Limited li kkjamatu;*
>
> "*33.5. Illi in vista tas-suespost, tillibera lill-kjamat in kawża Mark Randon mill-osservanza tal-ġudizzju*";

2. L-attur appellat kien ċeda l-kawża fil-konfront tal-Bank of Valletta p.l.c. permezz ta' nota tiegħu tat-18 ta' Mejju, 2006. Fid-dawl tal-imsemmija nota, l-Ewwel Qorti ħelset formalment lill-istess Bank imħarrek mill-ħarsien tal-ġudizzju fis-sentenza appellata[1];

3. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li qieset li:

> "*23.0. Illi l-pożizzjoni attriċi tista' tiġi sintetikament esposta bil-mod segwenti:*
>
> "*23.1. Illi l-azzjoni minnu redatta hi ndirizzata esklussivament kontra s-soċjeta` konvenuta Travelex Financial Services Limited li fil-mori tal-kawża saret Western Union Business Solutions (Malta) Limited u mhux kontra l-kjamat in kawża, (ara fol 227);*
>
> "*23.2. Illi l-imsemmija soċjeta` konvenuta aġixxiet b'negliġenza, imperizja u b'non osservanza tar-regolamenti meta sarrfet iċ-ċekk meritu ta' din il-proċedura, (ara fol 17), meta dan ġie lilha mgħoddi minn Mark Randon, u dan għaliex:*

---

[1] § 22 tas-sentenza appellata

"*23.2.1. Soċjeta` li taħdem l-"exchange bureau" ma tistax issarraf ċekkijiet personali;*

"*23.2.2. L-MFSA ma kinitx ħarġet regolamenti li jippermettu tali azzjoni;*

"*23.3. Illi di piu`, din ma setgħetx issarraf l-imsemmi ċekk għaliex ma kienx indikat jew intestat suffiċjentement billi r-reċipjent kien indikat biss bħala "Mr. Farrugia";*

"*23.4. Illi skont* ***Bellizzi et vs Borg, Qorti tal-Kummerċ, datata t-30 ta' Jannar, 1989****, meta promissory note ikollha ingredjent nieqes, allura ma tkunx valida;*

"*23.5. Illi dan il-prinċipju japplika wkoll għaċ-ċekkijiet;*

"*23.6. Illi effettivament meta l-attur ittenta azzjonijiet simili, il-bank irrifjuta jsarrafflu ċekkijiet simili, (ara fol 81 sa 85);*

"*23.7. Illi minn riċerka kondotta mill-attur jirriżulta li f'Malta hawn madwar tmien mija u ħamsin "Mr. Farrugia", (ara fol 139);*

"*23.8. Illi meta l-impjegati tat-Travellex Financial Services Limited sarrfu ċ-ċekk in diżamina allura żgur jirriżulta li kienu ażżardati fl-azzjoni tagħhom;*

"*23.9. Illi għalhekk meta Randon żamm il-porzjon sostanzjali fuq ġia` riferit, (ara paragrafu wieħed punt tmienja, (1.8), aktar qabel), hu kien aġevolat f'din l-azzjoni mill-laxkezza finanzjarja riskontrata;*

"*23.10. Illi din il-laxkezza tispikka aktar meta jiġi wkoll konsidrat li biex jissarraf l-istess ċekk, l-imsemmi Randon effettivament iffalsifika l-firma tal-attur Farrugia;*

"*23.11. Illi miċ-ċekk l-ieħor, l-attur tħallas biss ħdax-il elf, mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin, u ħamsa u sittin ċenteżmu, (LM11,282.65), stante li tlieta u għoxrin elf, tlett mija u seba' Liri Maltin, (LM23,307.00), tħallsu lin-neputi tal-attur, (ara fol 38);*

"*23.12. Illi għalhekk l-ammont ta' danni ikkawżati lill-attur jammonta għal tmienja u erbgħin elf, tlett mija u seba' Liri Maltin,*

*(LM48,307.00), ekwivalenti għal mija u tnax-il elf, ħames mija u ħamsa u għoxrin Ewro u ħames ċenteżmi, (€112,525.05);*

"*24.0. Illi l-pożizzjoni tas-soċjeta` konvenuta Western Union Business Solutions (Malta) Limited tista' tiġi sintetikament esposta bil-mod segwenti:*

"*24.1. Illi t-talba għad-danni sollevata mill-attur hi infondata;*

"*24.2. Illi hu paċifiku li s-soċjeta` Travelex Financial Services Limited irċeviet iċ-ċekk esteru in diżamina li kkonvertietu f'żewġ ċekkijiet fi flus Maltin, (ara fol 17 sa 21);*

"*24.3. Illi kif ritenut fil-kawża* ***Borg vs Willoghby, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, datata d-9 ta' Marzu, 2005****, ir-regoli applikabbli għall-kambjali huma wkoll applikabbli għaċ-ċekkijiet;*

"*24.4. Illi ċekkijiet pagabbli lill-"payee or order" jew "to the order of" huma trasferibbli b'ġira – sempliċi "endorsement";*

"*24.5. Illi għalhekk tali ċekkijiet jistgħu jiġu liberament imsarrfa minn min ikollu ċ-ċekk f'idejh;*

"*24.6. Illi ċ-ċekk meritu tal-proċedura odjerna kien pagabbli lill-"payee" (l-attur), "or order" – u allura mhux lill-attur biss;*

"*24.7. Illi a tenur tal-artiklu 184 tal-Kodiċi tal-Kummerċ is-soċjeta` konvenuta mhix responsabbli għall-awtentiċita` tal-ġira;*

"*24.8. Illi għalhekk iċ-ċekk in diżamina seta' jiġi msarraf kif fil-fatt sar;*

"*24.9. Illi s-soċjeta` konvenuta setgħet issarraf ċekkijiet;*

"*24.10. Illi rigward l-isem indikat fiċ-ċekk de quo u jekk dan setax jissarraf bl-indikazzjoni li kien hemm fl-istess ċekk, jingħad li dan issarraf biss wara li saret id-debita verifika fil-banek esteri kkonċernati;*

"*24.11. Illi għalhekk l-attur ma ipprovax il-każ tiegħu skont il-liġi u li l-kawża hi biss waħda frivola u vessatorja;*

*"24.12. Illi għal dawn ir-raġunijiet il-qorti għandha tirrespinġi t-talbiet attriċi bl-ispejjeż;*

*"Ikkunsidrat:*

*"25. Illi l-kawża odjerna effettivament tirrigwarda relazzjoni fiduċjarja li żvijat;*

*"26. Illi effettivament fuq indikazzjoni ta' neputi tiegħu, l-attur għażel li jqabbad aġent biex jgħinu jinvesti xi flejjes tiegħu;*

*"27. Illi r-rikavat ta' dan l-investiment ġie lilu mgħoddi mis-soċjeta` Scottish Mutual International plc permezz ta' ċekk indirizzat lil "Mr. Farrugia" u "or order";*

*"28. Illi l-imsemmi ċekk għadda għand l-aġent tal-attur, Mark Randon, li mar għand is-soċjeta` konvenuta u qasmu f'żewġ ċekkijiet;*

*"29.0. Illi minn dawn iż-żewġ ċekkijiet irriżulta s-segwenti:*

*"29.1. Wieħed ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin, (Lm25,000.00), żammu l-istess aġent, il-kjamat in kawża Randon;*

*"29.2. Ieħor ta' tlieta u għoxrin elf, tlett mija u seba' Liri Maltin, (LM23,307.00), ingħata lil Joseph Mifsud;*

*"29.3. Ieħor ta' ħdax-il elf, mitejn u tnejn u tmenin Lira Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu, (LM11,282.65), ingħata lill-attur;*

*"Ikkunsidrat:*

*"30. Illi l-kawża odjerna hi limitata għall-azzjoni kondotta mis-soċjeta` konvenuta meta aċċettat li ssarraf iċ-ċekk in diżamina;*

*"31.0. Illi fir-rigward jingħad is-segwenti:*

*"31.1. Illi dak li jrid hawn jiġi epurat hu jekk is-soċjeta` konvenuta setgħetx issarraf iċ-ċekk meritu ta' din il-proċedura, (ara fol 17);*

*"31.2. Illi, kif ritenut mis-soċjeta` konvenuta, fil-ġurisprudenza minnha ċitata li biex ma jkunx hemm dilungar inutili mhux ser jiġu hawn ripetuti iżda ssir biss debita riferenza għall-istess, (ara fol*

*241), fejn jirriżulta allura paċifiku li meta ċekk ikun pagabbli "payee or order" jew "to the order of" tali ċekk ikun jista' jiġi trasferit b'sempliċi ġira;*

"*31.3. Illi għalhekk, stante li minn eżami tal-kopja taċ-ċekk in atti, (ara fol 17), jirriżulta dak indikat fil-paragrafu preċedenti, allura is-soċjeta` konvenuta jirriżulta li aġixxiet fit-termini legali lilha konċess;*

"*31.4. Illi di piu`, jirriżulta wkoll mix-xhieda tad-Direttur Ġenerali tagħha a fol 134, illi fuq wara tal-oriġinal li ma ġiex preżentat in atti – mhux tal-fotokopja ippreżentata fil-proċedura odjerna, hemm ukoll indikat " ... il-firma ta' S. Farrugia";*

"*31.5. Illi wkoll jirriżulta mill-istess Direttur Ġenerali, (ara fol 136), li ċ-ċekk de quo issarraf biss wara li ingħatat il-via libera mill-banek esteri involuti;*

"*Ikkunsidrat:*

"*32. Illi għalhekk jirriżulta assodat a sodisfazzjon ta' din il-qorti li l-aġir tas-soċjeta` konvenuta hawn eżaminat kien skont il-liġi u bl-ebda mod ma jirriżulta li żvijat mir-retta via fuqha statutorjament imposta*";

4. L-attur appella mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell imressaq minnu fit-12 ta' Novembru, 2013, u li fih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti "*tvarja s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija fit-23 ta' Ottubru, 2013, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Imħallef Silvio Meli billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberat lill-konvenut Mark Randon mill-osservanza tal-ġudizzju, tirrevokaha, tħassarha u tikkanċellaha fejn ċaħdet it-talbiet ta' l-attur u akkoljiet l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Western Union Business Solutions (Malta) Limited ġja' Travelex Financial Services Limited u konsegwentement tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta' appellata*";

5. Bis-saħħa ta' Tweġiba mressqa minnha fil-11 ta' Diċembru, 2013, il-kumpannija mħarrka Western Union Business Solutions (Malta) Limited laqgħet għall-appell tal-attur billi qalet li, ħlief għal dak li kienet se tgħid dwar il-kundanna lilha għall-ħlas tal-ispejjeż marbuta mal-imsejjaħ fil-kawża Mark Randon, is-sentenza appellata kienet waħda tajba u li kien jistħoqqilha tkun konfermata biċ-ċaħda tal-istess appell. Fl-istess att, il-kumpannija ressqet appell inċidentali li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin,

talbet li din il-Qorti "*tvarja u/jew tirriforma dik il-parti tas-sentenza fl-ismijiet premessi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Ottubru, 2013 billi tiddikjara li l-ispejjeż tal-kjamat in kawża m'għandhomx jiġu sopportati mill-kumpannija appellata Western Union Business Solutions (Malta) Limited, u tikkonferma l-imsemmija sentenza fil-bqija tagħha*";

6. Bis-saħħa ta' Tweġiba mressqa minnu fis-27 ta' Jannar, 2014, l-imsejjaħ fil-kawża Mark Randon laqa' għall-appell tal-attur billi qal li s-sentenza appellata kienet ġusta u jistħoqqilha konferma, jekk xejn dik il-parti li tirrigwarda lilu, u aktar u aktar billi l-attur appellant ma kienx qiegħed jappella minn dik il-parti tas-sentenza appellata li kienet ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju fil-konfront tal-istess attur appellant;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2018, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li, qabel ma tgħaddi biex tqis l-appell ewlieni u dak inċidentali, tiġbor fil-qosor u b'mod kronoloġiku xi fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża minħabba li jistgħu jixħtu dawl fuq il-mertu tal-istess appelli. Din il-Qorti tqis ukoll li ma tressaq l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ħelset lill-imsejjaħ fil-kawża mill-ħarsien tal-ġudizzju, u dan billi l-appell inċidentali tal-kumpannija appellata jirrigwarda biss min għandu jbati l-ispejjeż tal-imsejjaħ hekk meħlus;

11. Illi jirriżulta li l-attur appellant kien għamel xi investimenti barra minn Malta u nqeda bis-servizzi tal-imsejjaħ fil-kawża Randon li kien jagħti servizzi bħala '*stockbroker*' bid-ditta "*Shield Services*". Fit-18 ta' April, 2002[2], il-kumpannija barranija Scottish Mutual International p.l.c. ħarġet ċekk għall-valur ta' tlieta u disgħin elf disa' mija u tlieta u erbgħin Lira Sterlina u disa' *pence* (£ 93,943.09) pagabbli lil "Mr Farrugia" imma li kien ukoll "*Or Order*" liema ammont l-attur appellant jgħid li kien jirrappreżenta somma kapitali investita minnu mal-istess kumpannija barranija. Iċ-ċekk għadda minn

[2] Dokti "A1" u "A2", f'paġġ. 17 – 8 tal-proċess

idejn Randon għal għand il-kumpannija appellata (minn issa 'l hemm imsejħa "Travelex") b'ġira fuqu. Travelex, li kellha l-liċenza tagħti tali servizz[3], bagħtet l-imsemmi ċekk lis-sede ewlenija tagħha f'Londra, li iddepożitat iċ-ċekk f'kont tagħha mal-HSBC Bank[4] p.l.c. fl-14 ta' Mejju, 2002;

12. Illi fit-12 ta' Ġunju, 2002, wara li kienet ingħatat konferma li ċ-ċekk kien onorat, Travelex ħarġet ċekk għall-valur ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (Lm 25,000)[5] pagabbli lill-attur appellant. Randon jgħid li l-attur għaddielu l-imsemmi ċekk biex jerġa' jinvestilu l-fondi u hu sarrfu fi flus kontanti, ġo fergħa f'Malta ta' Lombard Bank, fit-22 ta' Lulju, 2002;

13. Illi fis-17 ta' Ġunju, 2002, Travelex ħarġet ċekk ieħor għall-valur ta' erbgħa u tletin elf ħames mija u disgħa u tmenin Lira Maltija u ħamsa u sittin ċenteżmi (Lm 34,589.65)[6] pagabbli lill-attur appellant. L-attur iddepożita l-imsemmi ċekk f'kont tiegħu fil-Bank of Valletta fl-10 ta' Awwissu, 2002;

14. Illi l-Qorti se tibda billi tqis l-appell ewlieni tal-attur. Jidher li l-attur appellant iqajjem żewġ aggravji mis-sentenza appellata u jfissirhom hekk: fir-rigward tal-ewwel aggravju, jgħid li "l-ewwel Qorti ma eżaminatx is-sottomissjonijiet kollha" magħmula minnu f'dawn il-proċeduri; fir-rigward tat-tieni aggravju jgħid li hemm aspett legali ieħor "li ma ġewx trattati fis-sentenza appellata u cioe' jekk is-soċjeta' konvenuta kienitx awtorizzata bil-liġi li ssarraf ċekkijiet. Apparti minn hekk, l-appellant ma jaqbel xejn mal-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti fejn din tenniet illi ladarba ċ-*cheque* ġie ġirat, allura seta' jissarraf";

15. Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel aggravju**, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ma jidhirx li tat każ tas-sottomissjonijiet li ressqu quddiemha l-partijiet dwar kemm Travelex setgħet issarraf iċ-ċekk maħruġ minn Scottish Mutual International p.l.c. tant li jgħid li s-sentenza appellata ma ssemmi mkien din il-kawżali ewlenija tiegħu u li fuqha nbniet l-ewwel talba attriċi. L-appellant jgħid li, minkejja l-liċenzi li Travelex seta' kellha, il-liġi fis-seħħ[7] ma kinitx tippermettilha ssarraf iċ-ċekk imsemmi. Minħabba f'hekk, jgħid li dk l-għemil waħdu jsejjes it-talbiet tiegħu għad-danni li jgħid li ġarrab minħabba f'hekk. B'mod partikolari, l-appellant jgħid li mkien f'dik il-liġi speċjali ma huwa mogħti lil xi kumpannija bħal Travelex li taqbad ċekk personali u "tikklerjah" ma' bank jew istituzzjoni finanzjarja oħra, aktar u aktar meta dan tagħmlu minn wara dahar il-persuna li favuriha nħareġ l-istess ċekk.

[3] Dok "MB1", f'paġ. 250 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Brian Micallef f'paġ. 123 tal-proċess
[5] Dok "Ċ", f'paġ. 21 tal-proċess
[6] Dok "B1", f'paġ. 20 tal-proċess
[7] L-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Att XXII tal-1994, Kap 376)

Huwa jirreferi wkoll għal tweġiba Parlamentari li ngħatat sewwasew fuq is-setgħat ta' aġenziji tal-kambju liċenzjati taħt l-imsemmija liġi. Jisħaq li s-sentenza appellata ma tatx każ biżżejjed tal-fatt li l-import ta' dak iċ-ċekk kien il-kapital ta' investiment li huwa kien għamel barra minn Malta u li huwa ried iġib lura Malta;

16. Illi, Travelex twarrab dawn l-argumenti u tisħaq li l-liċenza li kienet tgawdi fiż-żmien li ipproċessat iċ-ċekk kienet tawtorizżżaha tagħmel dak li ntalab lilha minn Randon. Hija tisħaq li l-liċenza kienet tawtorizżżaha twettaq in-negozju ta' istituzzjoni finanzjarja bis-setgħa li ssarraf dividendi ġejjin minn barra minn Maltqa u kif ukoll *cheques*: il-fatt li l-Bank Ċentrali ta' Malta (bħala l-awtorita' kompetenti li toħorġilha l-liċenza taħt l-Att) ma deherlux li kellu jillimita l-liċenza tixhed is-setgħa li kellha biex setgħet ippreżentat iċ-ċekk pagabbli lill-appellant għall-"*clearance*". Travelex tixli lill-appellant li, għax jaqbillu, jiċċita l-liġi kif inhi llum u mhux kif kienet dakinhar li ċ-ċekk mertu tal-kawża ssarraf u tgħaddi biex turi kif il-bidliet fil-liġi li hu jistrieħ fuqhom seħħew matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja u għalhekk żmien wara li ċ-ċekk kien issarraf. Hija twarrab dak li jissemma fit-tweġiba għall-mistoqsija Parlamentari li jirreferi għaliha l-appellant billi tgħid li dik it-tweġiba la hija maħlufa u lanqas ma tirreferi b'mod partikolari għall-każ tallum;

17. Illi dwar dan l-aggravju l-imsejjaħ fil-kawża Randon ma jressaq l-ebda sottomissjoni, ladarba ma tressaq l-ebda appell mill-ħelsien tiegħu mill-ħarsien tal-ġudizzju;

18. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, ma huwiex minnu li l-Ewwel Qorti ma qisitx jekk Travelex setgħetx tinnegozja ċ-ċekk mibgħut minn Scottish Mutual International p.l.c. Għalkemm l-Ewwel Qorti stħarrġet fil-qosor il-kwestjoni, ma hemmx dubju li hija stħarrġitha u waslet għall-fehma li Travelex imxiet ma' dak li l-liġi kienet statutorjament timponi fuqha[8]. Din il-Qorti tifhem li dik il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti ma setgħetx issir li mhux minħabba l-fatt li qieset il-liċenza li kellha Travelex dakinhar li innegozjat iċ-ċekk u jekk mhux ukoll għall-fatt li l-istess Qorti sabet li dak li sar kien jaqa' fil-parametri tal-liġi li kien jagħti lil Travelex dik is-setgħa. Fit-tieni lok, din il-Qorti taqbel mal-appellata li l-appellant isejjes l-aggravju tiegħu fuq dispożizzjonijiet tal-liġi li ma kinux għadhom iddaħħlu fl-Att ħlief snin wara li ċ-ċekk kien negozjat u għalhekk ma l-imġiba ta' Travelex ma tistax titkejjel fuq dawk il-bidliet, imma biss fuq x'kienet tipprovdi l-liġi fiż-żmien rilevanti. Fit-tielet lok, huwa minnu li l-liġi kienet tfisser x'kienet tifhem b'"*Attivitajiet ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji*" għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Att fl-Ewwel Skeda tal-istess Att. Fost dawk l-

[8] §§ 31 u 32 tas-sentenza appellata

attivitajiet li dwarhom setgħet tinħareġ liċenza lil istituzzjoni finanzjarja – bħalma jirriżulta li ħarġet favur Travelex fl-2001 – kien hemm dik maħsuba fil-paragrafu 7 li jitkellem dwar "*Negozju bħala prinċipal jew bħala aġent fi (a) strumenti ta' swieq finanzjarji (ċekkijiet, kambjali, ċertifikati ta' depożitu, eċċ); (b) kambju ta' flus*". Kliem il-liġi fis-seħħ f'dak iż-żmien kien ġeneriku u ma kienx limitat bl-ebda mod kif irid jillimitah l-appellant fis-sottomissjonijiet tiegħu. Fir-raba' lok, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jikkontesta s-setgħa li Travelex setgħet tinnegozja ċ-ċekk jekk huwa nnifsu aċċetta mingħandha minn tal-anqas ċekk wieħed maħruġ minnha u lilu pagabbli, liema ċekk kien jirrappreżenta sewwassew parti mill-import taċ-ċekk oriġinali li nħareġ minn Scottish Mutual International u li Travelex intalbet tinnegozja;

19. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti ssib li meta Travelex innegozjat iċ-ċekk mertu tal-każ hija kienet qiegħda tagħmel dan b'ħarsien sħiħ tal-liċenza li kienet tgawdi bix twettaq attivitajiet kummerċjali u fil-qafas regolatorju tal-liġi fis-seħħ f'dak iż-żmien. Għalhekk, mhijiex sejra tilqa' dan l-ewwel aggravju tal-appellant;

20. Illi t-**tieni aggravju** tal-appellant jikkonsisti fil-kontestazzjoni tiegħu li l-Ewwel Qorti ma messhiex sabet li ċ-ċekk maħruġ minn Scottish Mutual International p.l.c. kien jiswa. Huwa jgħid li l-Ewwel Qorti applikat il-liġi b'mod ħażin. Dan l-aggravju jisħaq dwar l-invalidita' taċ-ċekk negozjat minn Travelex u maħruġ minn Scottish Mutual International p.l.c. L-appellant jgħid li ċ-ċekk ma kienx jiswa għaliex il-persuna li nħareġ favuriha ma ssemmietx bl-isem sħiħ tagħha, kif il-liġi titlob li għandu jkun;

21. Illi kif issemma qabel[9], iċ-ċekk mertu tal-kawża kien maħruġ pagabbli lil "Mr Farrugia". L-appellant jgħid li ladarba ċ-ċekk kien wieħed personali, ma kienx jiswa ladarba ma ssemmiex ismu sħiħ imma b'kunjomu biss. Huwa jgħid li t-tismija tal-isem sħiħ tal-persuna li favuriha jinħareġ ċekk hija rekwiżit *ad validitatem* ta' strument ta' kreditu bħalma huwa ċekk. L-appellant jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 262 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jipprovdi li: "*(1) Il-mandati jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera għandu jkun fihom id-data, is-somma li għandha titħallas, u jistgħu jsiru li jitħallsu lill-persuna msemmija bl-isem, jew għall-ordni tagħha, jew għall-purtatur. (2) Huma jitħallsu mal-preżentata tagħhom.*" L-appellant iżid jgħid li, kieku ma kienx hekk, kieku tali strument ta' kreditu jkun jista' jissarraf mingħajr ebda diffikulta' minn kwalunkwe persuna li jkollha dak il-kunjom;

22. Illi għal dan l-aggravju Travelex twieġeb billi tgħid li l-kwestjoni tas-siwi taċ-ċekk mertu tal-każ ma kienet qatt tagħmel parti mill-

[9] Ara § 11 *supra*

kawżali u t-talbiet tal-azzjoni oriġinali tal-appellant u l-Ewwel Qorti ma ntalbet qatt tagħti l-fehma tagħha fuq dak li issa l-appellant qiegħed jilminta minnu. Iżżid tgħid ukoll li, għall-kuntrarju ta' dak sottomess mill-appellant, mhuwiex minnu li l-artikolu 262 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jitlob li jitniżżel l-isem sħiħ tal-persuna li favuriha jinħareġ ċekk, imma huwa biss dwar id-data u dwar l-ammont ta' flus li l-istess artikolu jitkellem b'mod mandatorju. Dwar it-tħassib tal-appellant li ċ-ċekk pagabbli lil persuna indikata biss b'kunjomha jista' jissarraf minn ħaddieħor b'dak il-kunjom, Travelex tgħid li dan jista' jseħħ ukoll kieku l-isem tniżżel sħiħ għaliex jeżistu bosta każijiet fejn għadd ta' persuni jisimhom u kunjomhom l-istess. Il-kumpannija appellata tirreferi wkoll għall-fatt li ċ-ċekk mertu tal-każ kien magħmul pagabbli lil "Mr Farrugia" imma wkoll "*or order*" u f'dan il-każ tgħid li l-kwestjoni tal-isem imqajma mill-appellant tisfa fix-xejn. Kemm hu hekk, meta ċ-ċekk kien negozjat u ppreżentat lil bank barrani fir-Renju Unit, dan issarraf bla ebda diffikulta' ta' xejn wara li l-istess ċekk kien ġirat;

23. Illi l-Qorti tibda biex tqis li huwa minnu li l-appellant ma ressaqx din il-kwestjoni bħala waħda mill-kawżali tal-azzjoni tiegħu kontra l-imħarrkin: kien biss matul is-smigħ tal-kawża li beda jressaq provi dwar din is-sottomissjoni tiegħu, fil-qafas tax-xiljiet li huma għamel kontra Travelex biex juri li mxiet ħażin miegħu. Iż-żewġ partijiet ressqu provi dwar dan u saħansitra għamlu sottomissjonijiet fir-rigward. L-Ewwel Qorti wkoll qieset dan l-argument u waslet għall-fehma li, maħruġ kif kien, iċ-ċekk kien jiswa ladarba kien ġirat[10];

24. Illi ċ-ċekk mertu tal-każ inħareġ fir-Renju Unit b'valuta f'Lira Sterlina u b'data partikolari. Ir-regola fid-dritt hi li l-forma u l-ħtiġijiet għas-siwi ta' ċekk huma regolati mil-liġi tal-post fejn dak l-istrument ta' kreditu jkun inħareġ. Jidher li l-Qrati tagħna laqgħu u ħaddmu din ir-regola sa minn żmien ilu[11]. Dan ifisser li l-aggravju tal-appellant irid jitqies fuq dak li kienet tipprovdi l-liġi fir-Renju Unit fiż-żmien li nħareġ l-imsemmi ċekk f'April tal-2002. Eżami tad-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti juri li l-ebda waħda minnhom ma kienet tipprovdi li biex ċekk ikun jiswa, irid jidher l-isem u l-kunjom tal-persuna li favuriha jkun inħareġ. Il-prinċipju taċ-ċertezza ta' min ikun inħareġ favurih ma twassal qatt biex toħroġ ir-regola li 'isem' tfisser 'l-isem u l-kunjom'. Kemm hu hekk jinsab mgħallem li "*whoever is named must be indicated with reasonable certainty, otherwise the bill will be deemed payable 'to bearer'*"[12]. Dan ifisser li fejn l-isem jew ismijiet tal-persuni li favur tgħhom jista' jinħareġ ċekk ma jkunx imfisser sewwa, iċ-ċekk li jkun ma jitqiesx null, imma jitqies bħala wieħed li jissarraf mill-portatur. Tant l-isem

---

[10] §§ 31.2 u 31.3 tas-sentenza appellata
[11] Ara, Kumm. **27.2.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Psaila noe vs Rousselle noe*** (Kolez. Vol: **XXIX.iii.238**)
[12] W Hedley & R Hedley *Bills of Exchange and Bankers' Documentary Credits* (4th Edit, 2001) § 2.52. paġ. 41

mhuwiex meħtieġ, li ċekk jista' jinħareġ bla isem jew bil-formola "*pay cash*" u xorta waħda jkun jgħodd[13]. Mhux hekk biss, imma f'każ fejn ċekk ikun ġirat – bħalma kien iċ-ċekk mertu ta' din il-kawża – "*a payee may be described by the wrong name, nevertheless an endorsement by that payee in his true name is valid to pass the bill*"[14]. Issa fil-każ taċ-ċekk li dwaru l-appellant iqanqal il-kwestjoni tas-siwi, iċ-ċekk inħareġ b'kunjomu, u kien ġirat bl-isem tiegħu magħdud in-numru tal-Karta tal-Identita' tiegħu. Bit-tħaddim ta' dawn ir-regoli, l-Qorti ma tarax kif l-appellant jista' jibqa' jisħaq li ċ-ċekk maħruġ favurih minn Scottish Mutual International p.l.c. kien null jew għaliex għandu jibqa' jgħid li l-Ewwel Qorti qatgħet ħażin meta sabet li dak iċ-ċekk kien legalment tajjeb. F'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti terġa' ssemmi l-fatt li l-appellant innifsu kien aċċetta mingħand Travelex minn tal-anqas ċekk wieħed li l-import tiegħu kien ir-rikavat li l-istess Travelex kienet kisbet meta innegozjat iċ-ċekk mertu tal-każ;

25. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li t-tieni aggravju tal-appellant ukoll mhuwiex mistħoqq u sejra tiċħdu;

26. Illi jifdal li l-Qorti tqis l-**appell inċidentali** tal-kumpannija mħarrka. Bl-aggravju tagħha, Travelex tgħid li l-Ewwel Qorti ma messhiex għabbietha bil-ħlas tal-ispejjeż tal-imsejjaħ fil-kawża Randon. Wara li ssensel għadd ta' argumenti għaliex, fil-fehma tagħha, kien meħtieġ li Randon jissejjaħ fil-kawża, Travelex tgħid li, fl-agħar ipoteżi, jekk kemm-il darba l-Ewwel Qorti ma dehrilhiex li kellha tordna lill-attur iħallas l-ispejjeż tal-imsejjaħ fil-kawża, għallanqas kien messha tordna lill-istess imsejjaħ fil-kawża jbati l-ispejjeż tiegħu hu;

27. Illi l-attur appellat ma ressaq l-ebda tweġiba għall-appell inċidentali ta' Travelex. Madankollu, waqt it-trattazzjoni, saħaq li huwa qatt ma kien talab is-sejħa fil-kawża ta' Randon u lanqas kien iqis li Randon kellu jkun fil-kawża, meta wieħed iqis il-mertu tat-talbiet tiegħu. Huwa qal li jaqbel ma' dik il-parti tas-sentenza appellata li ħelset lill-imsejjaħ fil-kawża Randon mill-ħarsien tal-ġudizzju u mal-kundanna ta' Travelex għall-ħlas tal-ispejjeż marbuta ma' dik is-sejħa;

28. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, Travelex ma appellatx minn dik il-parti tas-sentenza li biha Mark Randon, imsejjaħ fil-kawża, inħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Dan ifisser li dik il-parti tas-sentenza appellata saret ġudikat u torbot lill-partijiet. Fit-tieni lok, jekk l-imsejjaħ fil-kawża nħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex ma tqiesx li

[13] Ara N Elliott, J Odgers & JM Phillips <u>Byles on Bills of Exchange and Cheques</u> (27th Edit, 2002) §§ 3-03 sa 3-05 f'paġġ. 28 sa 35
[14] W Hedley & R Hedley *op. cit.* §4.20 f'paġ. 68

kien il-kontradittur leġittimu tal-attur, l-ispejjeż ġudizzjarji marbutin mad-dħul tiegħu fil-kawża iridu jintrefgħu minn min daħħlu fil-kawża għalxejn. Kienet Travelex li talbet is-sejħa fil-kawża ta' Randon. Fit-tielet lok, in-natura tal-azzjoni mnedija mill-attur ma kinitx marbuta mal-qerq imwettaq minn Randon, imma man-nuqqasijiet ta' Travelex (u l-Bank l-ieħor imħarrek) fit-tisrif u n-negozjar taċ-ċekk mertu tal-każ. Ma jiswa xejn lil Travelex li tressaq l-argumenti tagħha dwar ir-rwol li kellu Randon f'dawn il-ġrajja kollha, ladarba, kif ingħad, hija ma appellatx ukoll minn dik il-parti tas-sentenza li ħelset lil Randon mill-ħarsien tal-ġudizzju;

29. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li l-appell inċidentali ta' Travelex huwa tajjeb;

***Decide:***

30. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-attur u kif ukoll l-**appell inċidentali** tal-kumpannija intimata Western Union Business Solutions (Malta) Limited u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** tal-ewwel Istanza kif determinati mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-attur appellant iħallas l-ispejjeż marbuta mal-appell tiegħu u l-imsemmija kumpannija intimata tħallas l-ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali.

| | | |
|---|---|---|
| **Joseph Azzopardi** | **Joseph R. Micallef** | **Tonio Mallia** |
| **Prim Imħallef** | **Imħallef** | **Imħallef** |

Deputat Reġistratur
df